# IS-SUR TUMAS

## MAWRA SAL-BELT.

M'ilux wisq iltqajt mas-Sur Tumas u qbadnieha fuq il-gwerra wil-Ġermaniżi. Deher tabilħaqq fgat f'demmu għax kissrulu l-Belt, għax, kif igħid hu, l-familja tiegħu kollha hemm twieldet. Meta nkun mas-sur Tumas l-anqas biss ma niftaħ ħalqi biex nitkellem, iżda bis-sabar kollu noqgħod nisma' t-tlablib tiegħu. Mhux ta' min igħidlu tlablib wisq għax is-Sur Tumas jaf x'għandu jgħid u mita xi darba jibdieli fuq il-pulitka, tassew nieħu gost. Nistħajlu Napuljun, qasir qasir u b'idu x-xellugija dejjem titliegħeb mal-buttuni tas-sidrija. Kull fejn tarah dejjem bil-gazzetta f'idu u jekk tgħidlu x'data kienet meta l-Ġermaniżi daħlu hemm u hemm, ma jdumx ma jgħidlek. Fi ftit kliem, fis-Sur Tumas sibt l-aħjar ħabib u jekk inkun imdejjaq jew ikolli bżonn ta' xi parir, immur għandu u dejjem għandi noħroġ hieni.

Mela dak in-nhar li qbadnieha fuq il-gwerra, xħin għidtlu bil-qerda li hemm il-Belt, weġibni li xtaq ħafna jmur iżda dik il-fonqla ta' oħtu Erminja, tibża' wisq u dejjem tgorrlu biex ma jiċċaqlaqx mir-Rabat. Jien issoktajt inħajru u fl-aħħar qalli:

"Ara kif nagħmlu, għada filgħodu niltaqgħu kmieni, ngħidu aħna mmorru mal-karrozza tat-tmienja u nitilgħu ma' tal-ħdax u nofs." Ħabat tajjeb ħafna għax dak iż-żmien ma kienx għadhom waqfu l-karrozzi ta' nofs in-nhar.

L-għada filgħodu kmieni kont nofs siegħa qabel fuq is-Saqqajja u kelli mitt sena sa narah ġej li ma jmurx jarġa' jibdielu jew tilħaq tinduna oħtu. Balleċ, l-anqas laħqu daqqu t-tmienja li ma rajtux ġej, liebes il-libsa ta' nhar ta' Ħadd u bil-leħja friska.

"Bonġornu Sur Tumas!" sellimtlu kif qorob lejja.

"Eq... eq... ġa għidtlek darb'oħra, Bonġornu ma għandekx tgħidha; aħna Maltin u bil-Malti għandna nitkellmu. L-għodwa t-tajba!"

Għaddast rasi u dħalt warajh fil-karrozza. Kif il-kondut-tur resaq biex jiġbor il-flus is-Sur Tumas saqsih kemm għandu jħallas għal tnejn.

"Disa' soldi," wieġbu l-konduttur.

"U isa" qallu s-Sur Tumas bi tbissima fuq fommu "b'seba' soldi ma tħalliniex?"

Xi ċajta ma tonqosx.

Wasalna l-belt u kelli mitt sena sa nasal fejn il-ġebel imwaqqa' biex nisma' xi ħaġa minn għand ħabibi. Kont taħsbu xi avukat prim huwa u jitkellem u, naħseb jien, iħabbatha ma' l-aqwa avukati għar-ras tajba li għandu.

Ersaqna bil-qajla l-qajla lejn il-bini mwaqqa' u saqsejt lis-Sur Tumas x'jaf fuqu dak il-bini. Għax għandkom tkunu tafu illi s-sur Tumas kien bniedem iħobb l-istorja ta' Malta, u kull fejn jilmaħ xi ħaġa erħilu jsemmilek dan jew dak il-Gran Mastru bid-dati wkoll. Kien ta' sikwit igħidli li l-aħjar storja bil-Malti hi ta' Caruana u ta' Zammit, u bit-taljan ta' Achille Ferris. Mela kif wasalna ħdejn il-Qorti, jew aħjar fejn darba kien hemm il-Qorti, weġibni hekk: "Hawnhekk kien hawn waħda mis-seba' Bereġ".

"X'kienu dawn il-Bereġ, Sur Tumas?" saqsejtu, dejjem imħajjar li nitgħallem xi ħaġa ġdida.

"Meta nbniet il-Belt Valletta," weġibni b'dehwa kbira "inbnew is-seba' Bereġ li kienu msemmija għal seba' Lingwi differenti. Id-disinn għall-ewwel kien ta' Cassar, iżda iktar 'il quddiem insibu li ġew irranġati f'forma iktar wiesgħa u sabiħa. Dawn il-Bereġ kienu l-għamara tal-Kavalieri, tal-"Fra Cappillani" u tal-"Fra Serventi d'armi" kif isejjħilhom Ferris. Hawnhekk kienu jiltaqgħu dawn li semmejna biex jitħaddtu fuq il-ħwejjeġ li jkollhom x'jaqsmu mal-Lingwa tagħhom. F'kull waħda minn dawn il-Bereġ kien igħix il-Prefett, bħala l-aqwa wieħed. Is-seba' Bereġ kienu dawn: ta' Provenza, ta' Alvernja, ta' Franza, tal-Italja, t'Aragona, ta' Kastilja, u ta' l-Anglo-Bavarja".

"Liema huma li ntlaqtu bil-bombi?"

"S'issa il-Qorti (ta' Alvernja) tħarrek għal kollox u l-iskola tal-Baviera (Anglo-Bavaro), għandha xi ħsara mhux ħażin u l-Berġa t'Aragona ħasset ukoll. Il-Berġa tal-Anglo-Bavara, qabel, kien il-Palazz tal-Bali Carner, il-Maltin jafuh bħala 'Palazz ta' Karnierju'. Fl-1784 taħt il-Gran Mastru De Rohan twaqqaf l-Ilsien Anglo-Bavar, għalhekk intagħżel dan il-Palazz biex jagħmilha ta' Berġa għal dan l-ilsien ġdid."

Sa kemm qal dan kollu wasalna fejn il-'Main Guard'. Hares ħarsa mad-dwar u jilmaħ il-Palazz tal-Gvernatur. Ħarist jien wkoll u għidt f'qalbi "Min jaf, x'qara fuqu dan il-Palazz". Il-kurżità għelbitni u saqsejtu, "Sur Tumas, qadim xejn dal-Palazz?". Mhux għax ma nafx li hu qadim iżda għax ma stajtx insib kliem ieħor biex nibda.

"U ngħid li qadim!" weġibni bil-ħatfa s-Sur Tumas, bħal kieku kien lest għall-mistoqsija tiegħi. "Ix-xogħol ta' dan il-Palazz inbeda fl-1572 mill-Gran Mastru Pietru Del Monte u spiċċawh fi żmien ta' warajh Ġanni l'Evesque De la Cassiere. Id-disinn kien ta' Ġlormu Cassar". Hawn waqaf, bħal imnebbaħ minn xi ħaġa; qagħad iħares ġewwa jissemma' għat-tokki ta' arloġġ. Wara li waqaf, qabadni minn idi l-lemenija u daħħalni ġewwa l-Palazz. "Ħares hemm" qalli. U jien ħarist u fuq l-istamperija tal-Gvern, ilmaħt l-arloġġ il-kbir b'erba' torok b'mazza f'idejhom. "Dak l-arloġġ", qalli wara ftit, "għamlu l-Gran Mastru Pintu. Tnejn minn dawk it-torok idoqqu l-kwarti u t-tnejn l-oħra is-sigħat. Issa xi darba nitilgħu sa fuq u nurik l-armi l-qodma tal-Kavalieri ta' Malta, u t-trofej tar-rebħi tagħhom. Hemm it-trumbetta li biha ndaqqet l-aħħar ritirata ta' l-Ordni minn Rodi fl-1522. Hemm il-libsa wis-sejf ta' Dragutt li ġie biex jieħu Malta, insomma ħafna u ħafna ħwejjeġ sbieħ. Issa ejja mmorru li ma mmurx naqla' xi għajta minn għand oħti għax it-tgergir tagħha joqtolni. Xi jum ieħor ngħidlek u nerġgħu niġu, għandi ħafna ħwejjeġ oħra x'nurik u x'infehmek."

Tabilħaqq li dak il-jum ma ninsieħx għax fih tgħallimt ħafna ħwejjeġ li qabel qatt ma kont tajt widen tagħhom.

HENRY P. J. COPPERSTONE
(Student tax-Xjenza)